# MINUTI

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat**

## TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 71 (Laqgħa b'urġenza)

**Il-Ħamis 7 ta' Settembru, 2017**

Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Sannat, Ta' Sannat, fis-1.45 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Joseph Bajada – Kunsillier
Margaret Said – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Maria Cassar Sultana – Kunsilliera
Marie Georgette Spiteri – Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

# AĠENDA NRU. 71 (Laqgħa b'urġenza)

71.1 Razzett tat-tiġieg – Triq tal-Lewż PA 3567/16 (EA 00020/17)

## Minuti

Is-Sindku Philip Vella ippresjeda l-laqgħa.

### 71.1 Razzett tat-tiġieġ – Triq tal-Lewż PA 3567/16 (EA 00020/17)

71.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-1.45 p.m., wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill preżenti li l-Kunsilliera Cassar Sultana u l-Ammbaxxatriċi għaż-żgħażagħ nfurmawh b'imejl li ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa.

Is-Sindku qal li din il-laqgħa ssejħet b'urgenża peress li fi Triq tal-Gruwa skond PA 3567/16 (EA 00020/17) hemm proposta għand l-Awtorita tal-Ippjanar biex jinbena razzett tat-tiġieġ li f'applikazzjoni qiegħed imniżżel fuq ix-Xewkija. Il-Kunsill ġie nfurmat b'dan permezz ta' imejl mill-ERA nhar il-Ġimgħa 25 ta' Awwissu 2017 bis-suġġett PA 3567/16 (EA 00020/17) – Exemption Consultation. Is-Sindku qal li meta hu ġie nfurmat b'dan mis-Segretarju Eżekuttiv mill-ewwel tkellem mall-Perit Scerri biex dan jindaga sew fuq din l-applikazzjoni. Il-Kunsill ġie nfurmat mill-Perit li din l-applikazzjoni hija waħda għal farm tat-tiġieġ fi Triq tal-Gruwa u mhux fi Triq tal-Lewż kif applika l-applikant u ghalhekk dan l-iżvillupp hu propost fil-konfini Ta' Sannat. Il-perit nforma lill-Kunsill li jekk il-Kunsill irid jgħamel xi oġġezzjoni għandu ċans sa nhar it-Tnejn 11 ta' Settembru 2017.

Is-Sindku flimkien mall-Kunsillieri qalu li r-residenti fil-lokalita' ma jridux li jiżdiedu aktar irziezet, li diġa hawn biżżejjed u li l-lokalita' ma tiflaħx għal aktar. Il-Kunsill qabel li dawn qed jġibu l-ħmieġ u f'dawn l-inħawi qed isir illegal dumping esagerat li lill-Kunsill qed jiswielu il-flus biex dan jitnaddaf. Il-Kunsill qabel u qal ukoll li r-residenti ma jridux aktar irzizet għal fatt li l-valur tal-propjeta' tagħhom tista tonqos.

Għalhekk il-Kunsill unanimament qabel biex jikteb ittra fejn ser ikun qed joġġezzjona dwar dan it-tip ta' żvillupp bil-għajnuna tal-Perit.

Inqrat l-imejl tal-Kunsilliera Cassar Sultana (annessa ma dawn il-minuti) fejn qablet ukoll mad-deċisjoni li kien għadu kif ħa l-Kunsill.

Din l-laqgħa spiċċat fil-1.00 p.m.

Konfermati, illum il-Ħamis 28 ta' Settembru, 2017

| | |
|---|---|
| **(iffirmata)** | **(iffirmata)** |
| Philip Vella<br>Sindku | Jason Curmi<br>Segretarju Eżekuttiv |